# JUNIOR LYCEUMS & SECONDARY SCHOOLS
# ANNUAL EXAMINATIONS 2002

Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 5** | **STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI)** | **ĦIN: 1hr 45mins** |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: _____________

**Il-Kandidati jridu jwieġbu kemm Taqsima A, Taqsima B u Taqsima Ċ.**

**A. Aqra din is-silta u wieġeb 5 mit-8 mistoqsijiet fuqha. It-tweġibiet tiegħek iridu juru l-implikazzjonijiet soċjali diskussi fis-silta. Kull tweġiba għandha tkun madwar 50 kelma.**

Fis-sena 1994 il-Ġnus Magħquda sejħet il-familja bħala l-iżgħar demokrazija fi ħdan is-soċjeta'.

Diffiċli biex wieħed jimmaġina soċjeta' fejn ma teżistix xi forma ta' familja, u llum insibu diversi forom differenti ta' familja. Il-familja estiża tradizzjonali kienet maħkuma minn attivita' agrikola, fejn kulħadd kien irid jagħti sehmu. Illum ħafna familji huma nuklejari u fid-dinja industrijalizzata hawn it-tqassim tax-xogħol. B'hekk ħafna mir-rwoli tal-familja ħaduhom istituzzjonijiet oħra fis-soċjeta'.

Mill-familja nieħdu s-soċjalizzazzjoni primarja, u iżjed tard nieħdu wkoll soċjalizzazzjoni sekondarja permezz tas-soċjeta' li ngħixu fiha.

Fl-1993 il-Parlament Malti għadda liġi importanti ħafna tal-familja, msejsa fuq prinċipji ta' ugwaljanza u sħubija. Għalhekk il-familja saret simetrika, fejn id-drittijiet u r-responsabbiltajiet jinqasmu ndaqs bejn il-mara u r-raġel u l-omm u l-missier.

(addattat minn G. Baldacchino: Ninvestigaw is-Soċjeta')

**Wieġeb ħamsa minn tmien mistoqsijiet:**

1. Xi tfisser 'familja' għalik? Agħti żewġ forom differenti ta' familja.

2. Semmi 3 differenzi bejn famija tradizzjonali u dik moderna.

3. X'inhi familja estiża u x'inhi familja nuklejari?

4. Il-familja ssib ħafna għajnuna minn istituzzjonijiet soċjali oħra, bħal ħafna dipartimenti tal-gvern. Semmi tnejn minn dawn l-istituzzjonijiet.

5. Minħabba li ngħixu f'soċjeta' fejn hemm it-tqassim tax-xogħol, illum aħna lkoll sirna interdipendenti. X'jiġifieri "sirna indipendenti"?

6. X'nitgħallmu mis-soċjalizzazzjoni primarja tal-familja, u mis-soċjalizzazzjoni sekondarja tas-soċjeta?

7. Semmi żewġ tibdiliet li ġabet il-liġi tal-Familja ta' 1993, biex familja saret aktar simetrika.

8. Għaliex kull soċjeta teħtieġ il-familja? **(25 marka)**

**B. Aqra din is-silta u wieġeb 5 mit-8 mistoqsijiet fuqha. It-tweġibiet tiegħek iridu juru l-implikazzjonijiet soċjali diskussi fis-silta. Kull tweġiba għandha tkun ta' madwar 50 kelma.**

Il-globalizzazzjoni hi proċess fejn dak li jiġri f'pajjiż wieħed jista' jaffettwa l-ħajja ta' dawk li jgħixu f'pajjiż ieħor. Dan juri mod ġdid ta' kif il-bnedmin saru ċittadini ta' dinja globali. Dan il-proċess ġab miegħu kemm ġid kif ukoll ħsara, għaliex kif tispjega li hawn pajjiżi sinjuri, kif ukoll pajjiżi fqar? Għaliex hawn dan l-iżbilanċ bejn pajjiż u ieħor, fil-kummerċ, fid-drittijiet u fl-użu tar-riżorsi naturali? Biex ma nsemmux ukoll problemi ta' nuqqas ta' ikel, injuranza, nuqqas ta' saħħa u prevenzjoni tal-mard?

Naraw ukoll kif rifuġjati qed jaħarbu minn dawk il-pajjiżi fejn hemm il-persekuzzjoni biex ifittxu futur aħjar f'pajjiżi oħra, fejn hemm Iżjed possibilta' ta' ħajja aħjar. Minn 5000 miljun ruħ li hawn fid-dinja, 800 miljun jew wieħed minn kull ħames bnedmin, m'għandhomx biżżejjed x'jieklu.

Il-Ġnus Magħquda, u għaqdiet oħrajn internazzjonali, qed jaħdmu biex isolvu l-problemi ta' żmienna, ħalli flimkien nibnu dinja aħjar fil-paċi għalina lkoll.

**Wieġeb ħamsa minn tmienja:**

1. Xi tfisser 'globalizzazzjoni'?

2. L-attakki terroristiċi fuq pajjiż wieħed għandhom element globali. Permezz ta' eżempju fisser dan.

3. Semmi żewġ effetti pożittivi u żewġ effetti negattivi tal-globalizzazzjoni.

4. X'inhuma riżorsi naturali? Semmi tliet riżorsi naturali.

5. X'inhu 'żbilanċ'? Semmi żewġ tipi ta' żbilanċ li hawn fid-dinja bħalissa.

6. Min huma r-rifuġjati?

7. Semmi organizzazzjoni internazzjonali li taħdem favur id-drittijiet tar-rifuġjati. Spjega x'inhu x-xogħol tagħha.

8. "Nibnu dinja aħjar għalina lkoll." Spjega. **(25 marka)**

**Ċ. Ikteb fit-tul fuq 2 minn dawn li ġejjin (madwar 200 kelma fuq kull waħda)**

1. Illum nitkellmu dwar familja nuklejari u simetrika, fejn skond il-liġi tal-familja ta' l-1993, il-ġenituri u l-ulied għandhom is-sehem tagħhom. Tkellem dwar il-familja tiegħek u għid x'inhu r-rwol ta' kull membru bid-drittijietu d-dmirjiet tagħhom.

2. Il-familja, flimkien ma' l-iskola, hija l-bażi tas-soċjalizzazzjoni tagħna bħala ċittadini ta' pajjiżna. Spjega kif isir dan.

3. Kulħadd jaqbel li l-industrija tat-turiżmu hija parti importanti fl-ekonomija tal-pajjiż. Għaliex?

4. Semmi tliet eżempji ta' xogħol li jagħmlu l-Maltin: wieħed li jagħti servizz, ieħor ta' manifattura, u ieħor fis-settur primarju. Spjega kif dawn it-tliet setturi tax-xogħol jgħinu l-ekonomija fis-soċjeta'.

5. Issib min jgħid li Malta m'għadhiex gżira iżolata bil-mezzi ta' komunikazzjoni li hawn illum. Kemm taqbel ma' dan?

6. L-iżvilupp ta' l-ibliet jew urbanizzazzjoni għandu effett fuq is-saħħa ta' l-individwu fis-soċjeta'. Iddiskuti.

**(2 x 25 = 25 marka)**

---